# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 472/22/1 ISB**

**Repubblika (VO 1670)**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. L-Avukat tal-Istat (appellant) appella mid-deċiżjoni li tat il-Qorti Ċivili, Prim' Awla u li biha, fuq talba tal-attriċi (appellata), ordnat miżura proviżorja fil-kawża kostituzzjonali. L-ordni taqra hekk:

> *"GHALDAQSTANT, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-determinazzjoni tat-tielet talba mressqa fir-rikors promotur, u wara l- konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, tgħaddi biex tichad l-ewwel parti tat-tielet talba tar-rikorrenti mmarkata (a) hawn fuq msejjha l-ewwel alternattiva u tghaddi biex tilqa' it-tieni parti mmarkata (b) tat-tielet talba hawn fuq msejjha it- tieni alternattiva, fis-sens illi tordna illi l-kawza ta' sfida msemmija u fl-ismijiet REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija pendenti quddiem il-Qorti tal- Magistrati (Malta) kif preseduta sal-llum mill-Magistrat Dr Nadine Lia titkompla minn Magistrat iehor illi jigi*

*assenjat skond il-ligi, u tordna ghalhekk il-komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati sabiex jibghat l-imsemmija atti tal-kawza skond il-ligi ghall-kontinwazzjoni taghha minn Magistrat divers minn dak li qed jippresjedi llum.*

*Spejjeż tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għad-deċiżjoni finali".*

2. Fil-qosor il-fatti huma dawn:

i. Fl-24 ta' Ġunju 2022 l-appellata fetħet proċedura ta' sfida skont l-Art. 541 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fir-rikors l-appellata talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiftaħ proċeduri kriminali kontra ħames persuni li kienu uffiċjali tal-Pilatus Bank. Spjegat li minkejja li saret talba lill-Kummissarju tal-Pulizija, b'ittra datata 19 ta' Jannar 2022, biex jibda proċeduri kriminali kontra ħames persuni, baqa' ma sar xejn.

ii. Il-każ kien assenjat lill-Maġistrat Nadine Lia.

iii. L-appellata talbet kemm-il darba għar-rikuża tal-Maġistrat Lia. Talbiet li ġew kollha miċħuda.

iv. Kien għalhekk li fit-12 ta' Settembru 2022 l-appellata fetħet kawża kostituzzjonali u talbet lill-Qorti Ċivili, Prim' Awla sabiex tiddikjara:

> *"i) Illi bid-deċiżjonijiet tagħha fejn ċaħdet it-tliet talbiet ta' rikuża li sarulha minn Repubblika, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Nadine Lia fil-kawża ta' sfida li ressqet Repubblika fis-27 ta' Ġunju 2022, l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) kisret, qed tikser u ser tikser id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jekk tibqa' tippresjedi din il-kawża l-Maġistrat Nadine Lia.*
>
> *ii) Li l-Art. 738(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq li Repubblika għandha tgawdi u għandha frott il-Kostituzzjoni ta' Malta (art. 39) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (art. 6) għax jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforiżma nemo iudex in causa propria.*
>
> .........
>
> *iv) U tordna li l-kawża ta' challenge imressqa minn Repubblika kontra l-Kummissarju tal-Pulizija għandha tiġi immedjatament assenjata lill-Maġistrat ieħor/oħra sabiex jibda s-smigħ tal-provi quddiem Qorti li tkun imparzjali sew fuq livell oġġettiv u sew fuq livell soġġettiv.*
>
> *v) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali u indipendenti, inkluż li tillikwida kumpens għad-danni sofferti mir-rikorrenti għal ksur tad-dritt fundamentali tagħha ta' smigħ xieraq".*

v. Fl-istess rikors talbet ukoll li tingħata miżura proviżorja fis-sens li:

> "(a) *dan ir-rikors kostituzzjonali jkun deciz b'mod urgenti u immedjat qabel is-27 t'Ottubru 2022 stante li l-Magistrat Nadine Lia appuntat id-data tas-27 t'Ottubru 2022 biex dakinhar tibda tisma' l-isfida li ressqet REPUBBLIKA, jew alternattivament joghgobha tohrog b'urgenza ordni interim lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil- kawza msemmija*

*REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija sabiex izzomm u twaqqaf lil Magistrat Dr Nadine Lia milli izzomm seduti jew taghti ordnijiet in konnessjoni ma' din il-kawza ta' challenge li REPUBBLIKA ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Gunju 2022 skond l-art.541 tal-Kap.9, peress li altrimenti jigi fix-xejn l-iskop ta' dan ir-rikors kostituzzjonali u allura konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji sabiex ma thalliex li d-dritt fondamentali ghal smigh xieraq li REPUBBLIKA ghandha, jibqa' jinkiser u ma jigix miksur'.*

vi. Fid-19 ta' Ottubru 2022 l-Ewwel Qorti ordnat il-ħruġ ta' miżura proviżorja, u fl-10 ta' Novembru 2022 l-Avukat tal-Istat appella mid-deċiżjoni wara li b'digriet tas-7 ta' Novembru 2022 l-Ewwel Qorti tatu permess sabiex jappella.

3. Fil-qosor l-aggravji tal-Avukat tal-Istat huma dawn:

a) *L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' interim measure;*

b) *L-Ewwel Onorabbli Qorti marret lil hinn minn dak mitlub fit-tielet talba trattata;*

c) *L-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet dwar ir-raba' talba rikorrenti;*

d) *Bis-sentenza in parte kif mogħtija l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet kunsiderazzjonijiet fil-mertu;*

e) *L-eżekuzzjoni tas-sentenza in parte tal-Ewwel Onorabbli Qorti toħloq sitwazzjoni ta' fait accompli*.

4. L-appellata wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-Avukat tal-Istat.

**<u>Motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata</u>**.

5. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> *"Il-Qorti tqis ukoll in-natura tal-kaz u tghid illi l-kaz ta' sfida illi jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-generalita' u t-totalita` tieghu, huwa wiehed illi qajjem interess pubbliku mhux ftit. Jista' facilment jigi mistqarr illi l-kaz huwa wiehed addirittura politiku, fejn organu tal-istat, il-Kummissarju tal-Pulizija, qed jinzamm akkont ghal eghmilu jew in-nuqqasijiet f'eghmilu. Ukoll, illi r-rizultat ta' dawn il-proceduri, jistghu potenzjalment iwasslu sabiex jinfethu aktar investigazzjonijiet u/jew jergghu jinfethu inkjesti magisterjali gja maghluqa, bhal ma hi dik komunament maghrufa bhala ta' 'l-Egrant', liema suggett kien ukoll qahhem tant interess pubbliku..*
>
> *...........*
>
> *Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti REPUBBLIKA irnexxielha tipprova, fuq livell prima facie, il-biza' taghha u dan meta jitqies illi kien hemm kazijiet sensittivi bhal dan in ezami u l-Magistrat sedenti irrikuzat jew astjeniet ghall-istess ragunijiet li ghalihom qed tintalab hawnekk, imma hawnekk ma rrikuzatx. Ulterjorment illi hemm digrieti illi jaccennaw ghall-konsistenza fid-decizjonijiet tal-Magistrat sedenti – imma f'dan il- kaz, il-Magistrat sedenti ma dehriliex illi ghandha zzomm ma' dik il-konsistenza.*
>
> *Il-Qorti tqis illi huwa legittimu jinghad illi REPUBBLIKA mhux qed thoss illi l- gustizzja qed issir, jew almenu tidher illi qed issir, meta kien hemm linja konsistenti ta' decizjonijiet ta' rikuza u/jew astensjonijiet kif dikjarat mill-Magistrat stess ghall- istess ragunijiet hawnekk sollevati, li llum u f'dan il-kaz jidher illi mhux qed tinzamm. Il-Qorti tqis illi l-biza` illi jinholoq b'dan l-atteggjament hu, ghal finijiet ta' din is-sentenza u ta' dak li jrid jigi ppruvat hawnekk, wiehed reali u fondat.*
>
> *Il-Qorti trid taghmila cara illi b'daqsekk ma jfissirx illi nkissru l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti. Dak ghad irid ikun mistharreg f'aktar dettal u deciz fis-sentenza finali. Li qed jinghad hu illi ghal finijiet ta' din is-sentenza, il-Qorti thoss illi din id- dipartenza tal-Magistrat sedenti mill-linja konsistenti u cara illi kienet hadet, tista' tqajjem thassib serju*

*f'mohh ir-rikorrenti dwar jekk hux ser jiehu gustizzja u jekk il- kaz taghhom hux ser ikun trasparenti u kondott b'mod illi l-gustizzja ssir imma ukoll tidher illi qed issir.*

*Illi din il-biza' ssib forma aktar b'sahhitha meta wiehed jifli u jqis dak kollu illi sar fil- proceduri ta' sfida, kif jirrizulta mill-atti, cirkostanzi illi addirittura, iz-zewg partijiet hawnekk wasslu biex jiddiskrevuhom bhala 'ostili' bejn ir-rikorrenti u l-Magistrat sedenti, anke jekk l-Avukat tal-Istat intimat ighid illi ma ghandiex tinholoq narrattiva bhal din, b'dana kollu jikkoncedi illi hemm per ezempju, diskrepanzi fil-verzjonijiet, fejn kelma tal-Magistrat sedenti ma taqbilx mal-kelma guramentata tal-hawnekk rikorrenti.*

*Il-Qorti tqis illi anke dan id-dizgwid fih inniffsu jimmerita attenzjoni. Filwaqt illi mhux kull dizgwid necessarjament ifisser illi gudikant ghandu jastjeni jew jirrikuza, f'dan il-kaz sensittiv, tali dizgwid fl-isfond tal-fatti kif sehhew, ma jistghax jghaddi inosservat.*

*Illi fir-rigward, il-Qorti tibda' biex tghid illi ma ghandu qatt ikun hemm atteggjament ostili bejn gudikant u l-partijiet jew xi wahda minnhom. Thossha fid-dover tghid ukoll pero`,* ***illi ebda wahda mill-partijiet ma ghandha jew ghandha tigi tollerata illi tohloq hi xi sitwazzjoni ta' ostilita' bejnha u l-gudikant sedenti****. Hemm regoli u ligijiet ta' procedura cari u huwa mistenni minn kull Qorti illi tiehu l-provvedimenti opportuni skond il-ligi jekk u fl-eventwalita' illi tara illi qed isir dan.* ***Huwa dejjem mistenni minn kull parti illi tirrispetta l-awtorita` tal-Qorti****.*

*Jibqa' l-fatt illi f'dan il-kaz din is-sitwazzjoni twieldet minn dak li jidher illi gara fl- Awla, senjatment bil-fatt illi jidher illi hemm nuqqas ta' qbil fil-verzjoni tal-fatti ta' kif sehhew certu affarijiet fl-Awla waqt is-seduta. Jirrizulta mill-atti illi dikjarazzjonijiet guramentati u rapportagg fil-mezzi tax-xandir ma jaqblux ma' dak espost mill-Qorti fid-digriet taghha.*

*Ukoll irid jinghad illi l-fatt illi jirrizulta illi l-Magistrat sedenti esprimiet ruha fuq fatt illi ma kien jirrizulta minn mkien fl-atti, li ma kien sottomess minn ebda wahda mill-partijiet, certament illi johloq dubbji serji f'mohh parti jew ohra dwar l-andament tal- proceduri – u f'dan il-kuntest ukoll illi l-Qorti qed tifhem illi fuq livell prima facie, ir-rikorrenti rnexxielha, ghal finijiet tal-mizura provvizorja, tipprova l-biza` ragjonata taghha illi l-kawza titkompla tigi preseduta mill-Magistrat llum sedenti.*

*Il-Qorti ghalhekk tqis illi mal-ewwel talba ghar-rikuza ghal ragunijiet li kienu similarment moghtija f'proceduri ohra, il-Magistrat sedenti gja kienet mistennija illi tirrikuza ruha in linea ta' konsistenza ma' provvedimenti precedenti. Ulterjorment pero`, ghal mod kif zvolgew il-proceduri, jidher illi kien ikun aktar f'lokhu illi kieku il-Magistrat sedenti laqghet it-talba tar-rikorrenti fit-tieni jew it-tielet okkazjoni. Certament*

*illi kien ikun hemm ferm aktar certezza ta' trasparenza li l-gustizzja tidher illi qeghda ssir.*

*Il-Qorti tqis illi l-fatti li jsawwru u jiccirkondaw dan il-kaz partikolari kif fuq esposti anke jekk fuq livell ta' prima facie u fuq kollox kif jidher illi huma inkontestati,*

*jikkostitwixxu kaz estrem u straordinarju li jisthoqqlu l-ghoti ta' rimedju provizorju, u huwa ghalhekk illi din il-Qorti, f'dan il-kaz, ser tkun qed tiddippartixxi mir-regola generali illi mizura provvizorja mhux solitu illi tintlaqa' u tipprovdi, kif jidhrilha xieraq fic-cirkotanzi.*

*Illi l-Qorti tqis illi bil mod kif inhi ppostulata t-tielet talba imma ukoll u fuq kollox kif ser tipprovdi din il-Qorti b'din is-sentenza parzjali, mhu ser isir xejn illi jista' jxejjen jew inaqqas l-effikacja tal-proceduri ta' sfida quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Il-Qorti ghandha l-konfort illi b'dan li qed jigi deciz, bil-mizura provvizorja illi ser tittiehed, il-process ta' sfida la ser jigi mwaqqaf u lanqas mxekkel – u dan fl-istess interess tal-amministrazzjoni ta' dak il-kaz.*

*Ukoll, il-Qorti thoss illi biex tasal ghal din id-decizjoni mhix qed tistrieh fuq sitwazzjonijiet ipotetici jew suppozizzjonijiet, imma fuq fatti, provi, anke jekk fil-livell prima facie, li huma fuq kollox inkontestati u dokumentati.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi b'din id-decizjoni, hi mhix qed tilqa' talba b'mod legger, imma wara hafna hsieb u bil-ghan ahhari illi tkun protetta il-gustizzja u l-amministrazzjoni taghha, u ghalhekk, ghalkemm ikkunsidrat illi hija prattika illi interim measures jinghataw biss f'kazijiet limitati u partikolari, thoss, anke ghaliex mhux prekluz, illi f'dan il-kaz jixraq mod iehor.*

*Il-Qorti trid taghmilha cara illi b'din id-decizjoni in parte MHUX u b'edba mod ma ghandu jigi interpretat illi l-Magistrat sedenti kissret jew qed tikser xi drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, imma tistqarr illi dan ghandu jigi mistharreg fil-mertu u deciz fis-sentenza finali mad-decizjoni tal-ewwel talba maghmula.*

*Il-Qorti tqis pero` illi din is-sentenza hija necessarja sabiex ikun assikurat illi fil- process ta' sfida, il-gustizzja mhux biss issir imma ukoll tidher illi qeghda ssir. Necessarja ukoll, fil-fehma tal-Qorti, sabiex tipprotegi bl-ahjar mod possibbli il- fiducja illi l-Qrati taghna ghandhom igawdu f'socjeta' demokratika.*

*Il-Qorti tqis illi, parikolarment b'referenza ghall-fatt inkontestat u dokumentat illi l- Magistrat sedenti rrikuzat ruha f'erba' okkazjonijiet ohra ghal ragunijiet simili kif kien mitlub f'dan il-kaz, hija ghandha quddiemha cirkostanzi eccezzjonali li jaghmlu l-akkoljiment tat-tielet talba mehtiega.*

> *Finalment, il-Qorti thoss illi hija zammet perspettiva miftuha u oggettiva biex ma tkunx rigida imma tapplika l-principji legali fl-ahjar diskrezzjoni taghha skond il-ligi u l-fatti li jkollha quddiemha. Ukoll illi din is-sentenza mhix ser ixxekkel l-amministrazzjoni tal-gustizzja u l-andament tal-kawza ta' sfida pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.......".*

**Eċċezzjoni ta' nullità tal-appell.**

6. L-appellata tat eċċezzjoni ta' nullità tal-appell tal-Avukat tal-Istat għaliex appell minn deċiżjoni bħal dik appellata, ma kienx jeħtieġ permess tal-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward saret referenza għas-sentenzi Ryan Briffa v. Avukat Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2013 (Qorti Kostituzzjonali) u Angelo Frank Spiteri v. Avukat Ġenerali (Qorti Ċivili, Prim' Awla) tad-9 ta' Jannar 2017.

7. Rilevanti li fl-ewwel sentenza, din il-Qorti osservat:

> *"21. Ordnijiet, atti jew direttivi bħal dawn, maħruġa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qabel id-deċiżjoni tal-meritu tat-talba magħmula skont l-Artikolu 4(1) imsemmi, kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellant, ma jistgħux ikunu ħlief interlokutorji għaliex jiġu neċessarjament inizjati matul l-andament tal-kawża, iħallu għal kollox miftuħ id-dibattitu fil-mertu tar-rikors, ma hux ta' natura definittiva, u neċessarjament jippresta ruħu li jiġi mibdul mill-Qorti"*.

8. Min-naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat għamel referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, Alfred Degiorgio v. Avukat Ġenerali et tat-12 ta' Lulju 2019.

9. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li ordni bħal dik li tat l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022 mhijiex sentenza iżda digriet interlokutorju. Iż-żewġ

sentenzi li tat din il-Qorti u li saret referenza għalihom mill-partijiet, jagħmluha ċara li l-ordni hi digriet interlokutorju.

10. Jibqa' digriet interlokutorju irrispettivament jekk it-talba għall-miżura proviżorja tkunx saret fir-rikors promotur li bih l-attur jiftaħ il-kawża jew tkunx saret talba *ad hoc* waqt is-smigħ tal-kawża. Fil-każ in eżami t-talba saret fir-rikors promotur (ara paragrafu 3 tat-talbiet fir-rikors).

11. M'hemmx dubju li hemm dritt ta' appell minn digrieti interlokutorji. Il-kwistjoni hi dwar jekk sabiex isir appell fil-pendenza tas-smigħ tal-kawża, kienx hemm bżonn li l-ewwel l-Avukat tal-Istat jitlob il-permess tal-ewwel qorti.

12. Appelli minn digrieti interlokutorji huma regolati mill-Art. 229 tal-Kap. 12. Dispożizzjoni li tapplika wkoll f'kawzi li jsiru taħt l-Art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Skont regola 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09:

> *"Barra minn dak li huwa maħsub mod ieħor f'dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi", u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula bis-saħħa tal-Kodiċi għandhom japplikaw mutatis mutandis għal proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2"*.

13. Il-fatt li Art. 4 tal-Kap. 319 u Art. 46 tal-Kostituzzjoni jagħtu dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fi proċedimenti li jsiru skont dawk

id-dispożizzjonijiet, l-Art. 229 tal-Kap. 12 xorta japplika għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura.

14. Peress li dan it-tip ta' digriet interlokutorju ma jissemmiex f'Art. 229(1) u (2) tal-Kap. 12, skont sub-inċiż (3) tal-istess dispożizzjoni appell jista' jsir qabel is-sentenza finali biss bil-permess tal-qorti li tkun tatu.

15. F'dan il-każ id-deċiżjoni appellata ngħatat fid-19 ta' Ottubru, 2022. Fil-21 ta' Ottubru 2022 l-Avukat tal-Istat talab permess lill-Ewwel Qorti sabiex jappella minn dak il-provvediment. B'digriet mogħti fis-7 ta' Novembru 2022 l-Ewwel Qorti tat permess lill-Avukat tal-Istat sabiex jappella. Fl-10 ta' Novembru 2022 l-Avukat tal-Istat ippreżenta l-appell. B'hekk l-appell hu validu għaliex sar fit-terminu tas-sitt (6) ijiem mid-digriet tal-10 ta' Novembru 2022 (art. 229(3) tal-Kap. 12).

16. Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullità li tat l-appellata.

**Konsiderazzjoni dwar il-meritu tal-kwistjoni**.

17. Il-kwistjoni titratta dwar l-ordni proviżorja li tat l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022 li biha ordnat li l-każ ta' sfida li qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jitkompliex jinstema' mill-Maġistrat Nadine Lia iżda minn Maġistrat ieħor li jiġi assenjat skont il-liġi,

*“.... u tordna għalhekk il-komunika ta’ din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jibgħat l-imsemmija atti tal-kawża skond il-liġi għall-kontinwazzjoni tagħha minn Maġistrat divers minn dak li qed jippresjedi llum”*.

18. Fil-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax li hemm xi dispożizzjoni li tagħti jedd lill-parti fi proċeduri ta’ sfida li tappella minn deċiżjoni li tiċħad talba ta’ rikuża li tkun saret minn xi parti. Għalhekk l-appellata qiegħda tfittex rimedju b’din il-kawża. Mir-raba’ talba tar-rikors promotur hu ċar x’inhu r-rimedju aħħari li qiegħda tfittex l-appellata, dak li titneħħa l-Maġistrat Lia mill-proċedura ta’ sfida u tiġi sostitwita b’Maġistrat ieħor. Rimedju li effettivament ingħata fid-deċiżjoni appellata.

19. Ovvjament jekk dak li ordnat l-Ewwel Qorti jitwettaq f’dan l-istadju meta lanqas bdew jinstemgħu provi fil-kawża, ser ifisser li l-każ ta’ sfida jibda jinstema’ u jiġi deċiż minn Maġistrat ieħor. Hu ċar li r-rimedju prinċipali li qiegħda tfittex l-appellata fil-kawża hu li l-każ ta’ sfida jiġi assenjat lill-Maġistrat differenti. Bid-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2022 ir-rimedju ngħata qabel il-kawża bdiet tinstema’. L-għan wara miżura proviżorja m’għandux ikun li jagħti rimedju finali qabel ma jkunu tressqu l-provi kollha u l-Qorti tkun f’pożizzjoni li tiddeċiedi l-kawża. F’dak l-istadju l-Qorti tkun f’pożizzjoni li tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur, ikunux qegħdin jiġu miksura, jew x’aktarx ser jiġu miksura jeddijiet fundamentali. It-talba

għall-ħruġ ta' ordni proviżorja m'għandha lanqas isservi sabiex Qorti tagħti xi fehma dwar il-meritu tal-kawża li jkollha quddiemha. Li wieħed jippretendi li Qorti tippronunzja ruħha b'xi mod dwar il-meritu f'dan l-istadju bikri tal-kawża kostituzzjonali, hu żbaljat.

20. Jekk il-proċeduri ta' sfida jitkomplew jinstemgħu quddiem il-Maġistrat Lia u eventwalment fil-kawża kostituzzjonali l-appellata tingħata raġun, il-Qorti għandha s-setgħa li twarrab kull deċiżjoni li tkun tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Lia. Dan apparti li jekk fil-proċeduri ta' sfida t-talba tal-appellata ma tintlaqax, skont Art. 543(3) tal-Kodiċi Kriminali għandha l-jedd tagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għat-tħassir jew tibdil tad-deċiżjoni. Għalhekk m'hemmx periklu li l-appellata tispiċċa bla rimedju effettiv fl-eventwalità li ma tingħatax miżura proviżorja *pendente lite*.

21. L-appellata semmiet diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha l-Maġistrat Lia kellha tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża fosthom li:

i. F'każijiet oħra li l-Ewwel Qorti ddeskriviet bħala 'sensittivi' l-Maġistrat Lia kienet astjeniet għall-istess raġunijiet;

ii. Qalet li seħħ inċident bejn il-president ta' Repubbllika u l-Avukat Paul Lia, il-kunjatu tal-Maġistrat, kaġun ta' liema l-

appellata tagħti x'tifhem li nħoloq stat ta' animożità bejn dawk iż-żewġ persuni;

iii. Hemm verżjonijiet kontrastanti bejn l-appellata u l-Maġistrat Lia dwar dak li ġara fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2022 u saret allegazzjoni fil-konfront tal-istess Maġistrat;

22. Dawn huma kwistjonijiet dwar il-meritu u fir-rigward ta' liema kull parti ser tingħata l-opportunità tressaq il-provi in sostenn tal-pożizzjoni tagħha.

23. Minkejja dak li ngħad hawn fuq, wara li l-Qorti qrat l-atti kollha hi tal-fehma li f'dan il-każ hu floku li sakemm tiġi deċiża l-kawża li fetħet Repubblika, ma jkomplix jinstema' l-każ ta' sfida. Dan qiegħed jingħad mhux biex jiftehem illi din il-Qorti qiegħda tgħid illi hemm indikazzjoni imqar *prima facie* illi hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq, iżda biss sabiex jiġi assigurat li f'każ li Repubblika tingħata raġun fil-kawża kostituzzjonali, ma jkunx tkompla l-ksur ta' smigħ xieraq waqt is-smigħ tal-proċeduri ta' sfida.

24. Dan ovvjament bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha li ta l-Avukat tal-Istat a fol. 42 tal-proċess, bħal jekk l-Art. 6 tal-Konvenzjoni u l-

Art. 39 japplikawx għall-proċedura ta' sfida li fetħet l-appellata. Kwistjonijiet li ser jiġu trattati u deċiżi fil-kawża.

25. Għalkemm l-ordni li ser tagħti din il-Qorti twassal sabiex tiġi sospiża l-proċedura ta' sfida li pproponiet l-appellata, fl-istess ħin din il-Qorti ser tordna li l-kawża kostituzzjonali tinstema' b'urġenza. Ordni li l-Qorti ser tagħti meħud in konsiderazzjoni s-sensitività tal-proċeduri ta' sfida fejn ser jiġi mistħarreġ ir-rapport li għamlet Repubblika lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-pożizzjoni li ħa. Kwistjoni ta' interess pubbliku meta tikkunsidra l-impatt li kellu l-każ tal-Pilatus bank fix-xena lokali. Raġuni oħra għalfejn il-Qorti ser tordna s-smigħ bl-urġenza hi n-natura tal-kawża kostituzzjonali, kif ukoll wara li l-Qorti kkunsidrat l-argument tad-difensur tal-appellata dwar il-preskrizzjoni.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat biss sa fejn kompatibbli ma' dak li jingħad hawn fuq u tvajra d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Ottubru 2022 billi:

i. tħassar dik il-parti fejn ċaħdet it-talba sabiex il-kawża kostituzzjonali tinstema' b'urġenza u ordnat li l-proċeduri ta' sfida jitkomplew jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta minn Maġistrat differenti li jiġi assenjat skont il-liġi; u

ii. Minflok tordna li pendenti l-kawża kostituzzjonali, is-smigħ tal-proċedura ta' sfida jkun sospiż. Tordna wkoll li l-kawża kostituzzjonali tinstema' bl-urġenza.

Spejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat l-atti tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jissokta s-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr